MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 468/2007/1

**Adrian Elich**

**v.**

**Joanne Elich**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-24 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha dik il-Qorti iddisponiet mit-talba tal-attur u mill-kontro-talba tal-konvenuta billi: iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn il-partijiet bid-dritt ta' access kif stabbilit fl-istess sentenza; applikat fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fis-subinciz [1] tal-Artikolu 48, tal-Kodici Civili hlief ghal dawk kontemplati fil-paragrafi [b] u [d] tal-istess artikolu; ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala rata ta' manteniment ghat-tifel minuri s-somma ta' €182 kull erba' gimghat; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u illikwidat l-assi kollha tal-komunjoni u assenjathom lill-partijiet kif stabbiliet fis-sentenza; filwaqt li nnominat lin-Nutar Dottoressa Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukatessa Dottor Abigail Critien bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci; bl-ispejjez tal-kawza, tal-kontro-talba u tal-kuntratt relattiv jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali.

2. Il-konvenuta ressqet l-appell taghha minn din is-sentenza b'rikors prezentat fil-11 ta' Novembru 2014 li ghalih wiegeb l-attur b'risposta prezentata fit-23 ta' Dicembru 2014.

3. Il-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha fuq hames aggravji li, fis-succint jirrigwardjaw: [1] il-htija ghas-separazzjoni; [2] l-applikazzjoni fil-konfront taghha tad-dekadenza kontemplata fl-Artikolu 48[1], salv ghal paragrafi fuq indikati; [3] il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni; [4] il-quantum tal-manteniment fissat ghat-tifel minuri; [5] l-ispartizzjoni tal-ispejjez tal-kawza.

**Il-Fatti**

4. Fil-qosor il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn. Il-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Lulju 1999 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel li twieled fid-19 ta' Awissu 2004 u li ghalhekk ghadu minorenni.

5. Fl-4 ta' Settembru 1994 meta l-partijiiet kienu ghadhom gharajjes, omm il-konvenuta ttrasferiet lil bintha bicca art f'Hal Ghaxaq li fuqha eventwalment inbniet dik li kienet intiza biex tkun id-dar konjugali tal-partijiet. Jirrizulta pacifiku li x-xoghol ta' kostruzzjoni sar minn missier il-konvenuta, li huwa kuntrattur, filwaqt li l-ispejjez tal-materjal u l-ispejjez l-ohra sabiex id-dar giet reza abitabbli thallsu mill-partijiet principalment mill-attur[1]. L-attur u missieru wkoll ghamlu xi xoghlijiet f'dan il-post.

[1] Vol.2 – Fol.460 – Dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta

6. Il-konvenuta tirrikonoxxi li l-genituri tal-attur kienu tawh is-somma ta' LM5,000 [illum €11,650] filwaqt li x-xoghol maghmul mill-attur u minn missieru u l-ispejjez li hareg l-attur f'dan il-fond jammontaw ghas-somma ta' LM18,000 [illum €41,940] – b'kollox LM23,000 [illum €53,590].

7. Wara sitt xhur ta' konvivenza fl-imsemmi fond li allura kien inghata l-isem ta' "Clodden" Triq il-Qattus, Ghaxaq u li kien sitwat fir-rahal fejn joqghodu l-genituri tal-konvenuta, il-partijiet telqu minn hemm, minhabba l-inkwiet kostanti li kien jinqala' bejn l-attur u missier il-konvenuta, u marru joqghodu l-Imsida fid-dar tal-genituri tal-attur fejn damu joqghodu sakemm eventwalment isseparaw *de facto*.

8. Fit-23 ta' Marzu 2001 il-partijiet xtraw f'*shell form* il-*maisonette* li semmewh "Javier" Triq ix-Xmiexi, Msida u li skont nota kongunta[2] prezentata mill-partijiet ghandu valur ta' €182,439.

9. Fl-24 ta' Frar 2005 il-konvenuta bieghet il-post "Clodden" Triq il-Qattus Ghaxaq, proprjeta` parafernali taghha, ghall-prezz ta' €202,710 u bir-rikavat il-

[2] Vol.1 – Fol.321 – L-istimi saru fis-sena 2011

partijiet hallsu s-self bankarju li kellhom fuq il-*maisonette* fuq indikat, kif ukoll hallsu l-ispejjez ta' diversi xoghlijiet li saru f'dan il-*maisonette*.

10. Fil-11 ta' Mejju 2005 il-partijiet xtraw l-appartament numru 8 Blokk A Bellaggio Triq San Guzepp, Gwardamangia li thallas in parte mir-rikavat tal-bejgh tal-fond ta' Hal Ghaxaq, u in parte b'self bankarju. Skont in-nota kongunta fuq indikata l-partijiet iddikjaraw li dan ghandu valur ta' €122,588. Eventwalment dan il-fond kien beda jinkera versu l-kera mensili ta' LM350 [illum €815.50] li kienet tithallas lill-attur. Minn din il-kera l-attur kien ihallas il-pagamenti mensili tas-self bankarju fl-ammont ta' circa €147.80, kif ukoll kien jithallas il-premia mensili tal-Life Policy fl-ammont ta' €39.60, filwaqt li l-kumplament, ammontanti ghal €628 kien izommu ghalih. Skont il-konvenuta dan kien minn Ottubru 2009 'il quddiem. Min-naha tieghu l-attur ammetta li l-bilanc tal-kera kien izommu kollu ghalih. Jirrizulta wkoll li sas-17 ta' Marzu 2010 id-dejn fuq dan il-fond kien ta' €26,077.[3]

11. Ghall-ahhar tas-sena 2006 il-konvenuta, meta qrat messagg fuq il-mobile tal-attur, skopriet li l-attur kien jiccettja ma' mara. Eventwalment skopriet li kellu relazzjoni maghha. Rizultat ta' dan beda l-"inkwiet serju"[4] bejn il-partijiet bir-rizultat li l-hajja matrimonjali pacifika ma baqghetx aktar possibbli.

[3] Vol.2 – Fol.417 – Xhieda rapprezentant tal-**Bank of Valletta**
[4] Vol.1 – Aff.Kta. fol.118

Il-konvenuta tghid li l-attur kien tilef l-interess fiha u kien johrog wahdu regolarment filghaxija, filwaqt li l-attur jghid li wara dak l-incident il-konvenuta bdiet tohrog wahedha wkoll.

12. Sadanittant il-partijiet kienu ghadhom joqghodu mal-genituri tal-attur, peress li x-xoghol fuq il-*maisonette* ma kienx ghadu tlesta. Huma baqghu joqghodu hemm anke meta l-attur fetah il-proceduri odjerni kontra l-konvenuta, izda meta fid-9 ta' Jannar 2008 nghata digriet li permezz tieghu l-attur gie ordnat ll jhallas lill-konvenuta LM50 fix-xahar bhala manteniment ghaliha u LM120 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, il-konvenuta telqet mid-dar tal-genituri tal-attur u marret tghix mat-tifel fil-*maisonette* "Javier".

13. Fil-kors taz-zwieg il-partijiet xtraw il-karrozza Skoda HBC assikurata ghall-valur ta' €7,700 li juza l-attur. Ukoll fiz-zwieg, izda wara s-separazzjoni *de facto*, fis-sena 2010 il-konvenuta xtrat il-vettura BEE 208 ghall-prezz ta' €9,000 li €1,700 minnhom thallsu mill-attur.[5]

14. Jirrizulta wkoll li fil-kors taz-zwieg il-partijiet fethu diversi kontijiet bankarji kemm fuq isimhom separatament kif ukoll konguntivament.

[5] Vol.2 – Fol.419

**L-Appell**

*L-ewwel aggravju*

15. Dan hu maqsum fuq zewg partijiet.

16. Hija tispjega hekk l-ewwel parti ta' dan l-aggravju:-

"L-Adulterju

"Filwaqt illi taqbel illi ma ngabet ebda prova ta' adulterju da parti taghha, l-appellanti thoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza s-segwenti provi cirkostanzjali illi skont il-gurisprudenza jikkostitwixxu prova sufficjenti dwar l-adulterju kommess mill-appellat [PA Josephine Anne Edwards vs Avukat Dottor Joseph Xuereb, deciza 22 ta' Frar 1961].

"A. Fl-Affidavit taghha, l-appellanti spjegat kif minn Dicembru 2006, l-appellat beda jagixxi b'mod illi xejn ma huwa idoneu ghal ragel rnizzewweg. Beda regolarment johrog ma' shabu filghaxijiet, u tilef l-interess fl-appellanti. Meta f'Jannar 20071l- appellanti sabet messaggi fuq il-mobile tal-appellat minghand certa Melissa, l-appellat ammetta mal-appellanti martu illi huwa kien ilu tliet gimghat f'relazzjoni intima ma' din Melissa, illi, del resto, ma kinitx l-ewwel mar a illi maghha huwa kellu relazzjoni adultera. L-appellat sahansitra ammetta mal-esponenti illi huwa kien ilu jittrattjeni relazzjonijiet adulteri minn Jannar 2006;

"B. Tali verzjoni tal-appellanti giet korroborata rninn Tanya Galea, Larissa Aquilina u Stephanie Aquilina, illi fl-Affidavits rispettivi taghhom ilkoll ikkonfermaw illi tal-inqas rninn Jannar 2007, huma raw lill-appellat f'diversi okkazjonijiet fil-kumpannija ta' mara b'xagharha twil, iswed u lixx,

f'cirkostanzi illi tawhom x'jifhmu illi l-appellat kien qieghed jittrattjeni relazzjoni adultera ma' din il-mara:

C.Fl-Affidavit tieghu l-appellat konvenjentement jichad illi huwa kellu relazzjonijiet adulteri tul is-snin, izda jarnrnetti illi huwa kien regolarment jiccettja ma' mara partikolari fuq MSN, u illi kien regolarment johrog Paceville fl-assenza ta' martu - agir illi certament ma jixraqx lil ragel rnizzewweg b'familja. u li minnu nnifsu huwa eccessiv.

"L-esponenti tissottometti illi, kuntrarjament ghal dak illi kkonkludiet l-ewwel Onorabbli Qorti, tali provi cirkostanzjali jikkostitwixxu l-*"konkors ta' cirkostannzi precizi, gravi u univoci"* illi ghandhom iwasslu ghall-konvinciment morali li skont il-gurisprudenza irrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront tal-appellanti."

17. Il-konvenuta tispjega hekk it-tieni parti ta' dan l-aggravju:-

"<u>L-Ingurji Gravi</u>

"Filwaqt illi taqbel illi l-appellat irrenda ruhu responsabbli ta' ingurji gravi fil-konfront taghha, l-appellanti thoss illi l-konkluzjoni milhuqa fis-Sentenza appellata fis-sens illi l-appellanti wkoll irrendiet ruhha responsabbli ta' ingurji gravi fil-konfront talappellat, hija ghal kollox ingusta.

"L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanti hatja ta' ingurji gravi fil-konfront tal-appellat in vista tal-inkwiet illi kien inqala' fil-passat bejn l-istess appellat u missier l-appellanti. Ghalhekk jirrizulta kjarament illi l-Ewwel Onorabbli Qorti addossat lill-appellanti b'responsabilita' ghal agir haddiehor, u dan meta jirrizulta kjarament illi l-istess appellanti tat kull ghajnuna u appogg lil zewgha a skapitu tar-relazzjoni taghha mal-genituri taghha u l-familja ta' origini taghha. U minn fuq, giet ikkastigata ta' dan mill-Ewwel Onorabbli Qorti!

"L-appellanti tissottometti bl-akbar rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti zbaljat fir-rigward tal-htija attribwita lill-appellanti ghaliex hija naqset milli tikkunsidra:-

"a. l-ammissjoni fl-affidavit tal-appellat stess illi meta nqala' l-inkwiet bejnu u bejn missier l-appellanti, l-appellanti kienet appoggjat lill-appellat

zewgha, tant illi, biex tat precedenza liz-zwieg taghha u lil zewgha, hija sahansitra spiccat lanqas biss tkellem lil missierha stess. B'hekk l-appellanti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tikkonkludi illi l-appellanti ingurjat lil zewgha minhabba l-inkwiet illi nqala' bejn l-istess zewgha u missierha, meta l-appellanti rnhux talli ma kinitx parti minn dan l-inkwiet, izda talli sahansitra ssagrifikat ir-relazzjoni illi kellha ma' missierha sabiex appoggjat lil zewgha!

“b. il-fatt illi l-inkwiet bejn l-appellat u missier l-appellanti nqala' snin shah qabel is-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet. Effettivament l-appellat stess, l-Affidavit tieghu, jirrikonoxxi illi meta nqala' dan l-inkwiet, il-partijiet telqu rnid-dar illi kellhom gewwa Hal Ghaxaq, vicin tal-familjari tal-appellanti, u marru jghixu mal-genituri tal-appellat, fejn damu jghixu ghal seba' snin shah u ghal dan iz-zmien kollu, l-appellanti baqghet ma tkellimx lil missierha. Kwindi zgur illi ma jistax jinghad illi l-inkwiet bejn l-appellat u rnissier l-appellanti b'xi mod wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet.”

18. Min-naha tieghu l-attur jirribatti ghall-ewwel parti tal-aggravju billi jissottometti li l-fatt li dan kien intlemah fil-kumpanija ta’ wahda mara ma’ grupp ta’ persuni ohra la jikkostitwixxi ingurja gravi u wisq anqas ma jsostni t-tezi tal-konvenuta li l-attur kellu relazzjoni adulteruza. Dwar it-tieni parti tal-aggravju jghid li kienu l-genituri tal-konvenuta l-kawza tal-inkwiet matrimonjali li kellhom, tant li kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali u marru jghixu fid-dar tal-genituri tieghu fejn il-partijiet ghexu ghal snin shah minghajr ma hallsu lira u bl-ghajnuna kostanti tal-genituri tieghu.

19. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

“Illi kif gja nghad l-attur qed jitlob is-separazzjoni minghand il¬konvenuta ghas-soliti ragunijiet; il-konvenuta da parti taghha taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur u min-naha taghha anke

pproponiet kontro-talba fl-istess sens. Il-kawza naturalment kienet kontestata hafna, u peress li l-Qorti kellha diversi drabi tara rikorsi u risposti qabel ma ppronunzjat uhud mid-digrieti gja' msemmija, u setghet tara u tevalwa l-mod li bih il-partjiet irrispondew lil xulxin fuq id-diversi allegazzjonijiet li ghamlu fil-konfront ta' xulxin, se tittratta l-vertenzi f'paragrafi ghalihom.

“TORT

....

“Illi l-Qorti wara li ezaminat sewwa l-atti, jidhrilha li z-zwieg tkisser principalment minhabba l-atteggjament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin, u kwindi taqbel mal-Perit Legali li t-tnejn kienu allura hatja ta’ ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin. Jidher ukoll li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tixxaqqaq anki minhabba li kien hemm gwerra dikjarata bejn l-attur u l-familja ta'martu.

“Illi minhabba f'hekk il-partijiet spiccaw jghixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabile l’ abitazione e la vita comune’* [Caterina Agius vs Benedict Agius, deciza mill-Prim Awla fit-13 ta’ Gunju 1967].

“Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li l-partijiet ma gabux provi sufficjenti li kien hemm adulterju fil-konfront ta’ xulxin izda certament hemm tifrik irrimedjabbli taz-zwieg.

“Illi ghaldaqstant il-Qorti ser taddossa lill-partijiet sehem indaqs f’dan it-tifrik taz-zwieg.”

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

20. Din il-Qorti, wara ezami rett tal-atti, filwaqt li taqbel li l-konvenuta ma rnexxielhiex tipprova b’mod sodisfacenti l-allegazzjoni taghha li zewgha kellu relazzjonijiet adulterjuzi ma’ nisa ohra, izda hemm elementi ta’ prova sufficjenti

sabiex iwasslu ghall-konkluzjoni li l-attur ikkommetta ingurji gravi fil-konfront ta’ martu meta ghall-habta ta’ Dicembru 2006 huwa beda johrog wahdu regolarment u jiffrekwenta nisa ohra, partikolarment lil certu Melissa. Hemm tlett xhieda li rawh fil-kumpanija ta’ din il-mara, u ghalkemm dawn ix-xhieda huma parentati mal-attrici mill-atti ma tirrizultax raguni ghaliex dawn il-provi ghandhom jigu skartati. Huwa minnu li l-konvenut, ghalkemm jammetti li kien jiccettja ma’ Melissa, cahad li kellu relazzjoni ma’ din il-mara, izda il-fatt li huwa kien jiffrekwenta lil din il-mara, li maghha kien ukoll jiccettja fuq l-internet liema fatt kien il-kagun ta’ “l-inkwiet serju” li nqala’ bejn il-partijiet, dan jikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront tal-konvenuta martu a tenur tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili li wasslet ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet.

21. Rigward il-htija attribwita lill-konvenuta mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tikkondividi dak li kkonkludiet il-perit legali li “l-attur ma rnexxielux jipprova b’mod sodisfacenti li l-konvenuta kienet hatja ta’ ksur taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti. Anzi gie kkonfermat li l-konvenuta poggiet iz-zwieg l-ewwel meta hija tbeghdet mill-familja taghha u marret tghix ghal tmien snin mal-genituri tal-attur.”[6] Tassew din il-Qorti ma tara ebda agir censurabbli da parti tal-konvenuta li seta’ wassal jew ikkontribwixxa ghat-tifrik taz-zwieg, anzi l-provi juru li hi appoggjat lil zewgha meta kien inqala’ inkwiet serju bejn zewgha u missierha. Dan l-ahhar fatt gie ammess mill-attur stess.

[6] Vol.2 – Fol.930

22. Rigward l-allegazzjoni da parti tal-attur li wara li l-konvenuta skopriet li hu kien qed ikollu kuntatt ma' Melissa tramite il-computer, u wara l-inkwiet matrimonjali konsegwenzjali, din bdiet tohrog ukoll wahedha, apparti li dan il-fatt ma giex korroborat minn xhieda ohra, *dato non concesso* li dan kien minnu, dan il-fatt kien konsegwenzjali ghall-komportament abuziv u ripetut da parti ta' zewgha fil-konfront taghha u ma kienx il-kawza tas-separazzjoni ta' bejniethom.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies fondat limitatament fis-sens li l-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq l-attur b'komportament li jikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront ta' martu. Din il-htija ghandha tattira fil-konfront tal-attur is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48[1] tal-Kodici Civili, hlief ghall-paragrafi [b] u [d] tal-istess artikolu, u ghall-finijiet tal-paragrafu [c] tal-istess artikolu din il-Qorti tistabbilixxi d-data tal-1 ta' Dicembru 2007[7].

*It-tieni aggravju*

24. Dan hu relatat mal-ewwel aggravju tal-konvenuta u huwa fis-sens li ma tirrizultax mill-provi l-ezistenza ta' raguni jew ragunijiet validi li kellhom iwasslu

[7] Ir-rikors guramentat gie prezentat fit-23 Novembru 2007

lill-ewwel Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 [1] kif fuq indikat. Mill-banda l-ohra kien hemm ragunijiet sufficjenti sabiex dan l-artikolu jigi applikat fil-konfront tal-attur, kif deciz mill-ewwel Qorti.

25. Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju, u ghall-istess ragunijiet tqis dan l-aggravju fondat u qed jigi milqugh.

*It-tielet aggravju*

26. Dan jirrigwarda n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tordna lill-attur ihallas l-arretrati tal-manteniment dovuti lilha ghaliha u li, minkejja d-digriet tal-ewwel Qorti, baqghu ma thallsux. Dan l-aggravju jirrigwardja wkoll il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Manteniment Arretrat

27. Il-konvenuta ssostni li in forza tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fid-9 ta' Jannar 2008 hija kellha tircievi minghand l-attur bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta' LM50 [illum €116.5] u tissenjala l-fatt li, minkejja li fil-kors tal-kawza l-manteniment dovut lilha ghat-tifel kien gie ridott minhabba li dan kien qed iqatta' hafna zmien ghand il-genituri tal-attur, ir-retta alimentari taghha ma nbidlitx, u ghalhekk baqghet dovuta. Ghalhekk, bl-eccezzjoni ta' zewg pagamenti li kienu saru f'Jannar u fi Frar tas-sena 2008, l-attur baqa' ma hallasx il-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha mid-9 ta' Jannar 2008 sa Marzu 2012. L-attur baqa' inadempjenti f'dan ir-rigward ghall-hlas ta' manteniment dovut lil martu ghall-perjodu li jestendi bejn Marzu 2008 sa Marzu 2012, u cioe` 48 xahar li fit-total tieghu jammonta €5,592.00.

28. Il-konvenuta tispjega li minn dan l-ammont hija rnexxielha tirkupra l-ammont ta' €2,434.06 meta zbankat dan l-ammont li kien depozitat fil-Qorti,[8] kif ukoll l-ammont ta' €2,660 li thallsu mill-employer tal-attur fl-1 ta' Marzu 2013. B'hekk ghad fadlilha tiehu l-bilanc ta' €497.94. Izda l-ewwel Qorti, minflok ordnat li l-attur ihallas dan il-bilanc lill-konvenuta, ordnat li l-ammont fuq indikat ta' €2,434.06 jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

29. In sostenn ta' din il-parti tal-aggravju l-konvenuta tissenjala s-segwenti. Illi, ghalkemm fis-sentenza appellata hemm indikat li "jidher li l-partijiet kienu

[8] Cedola 829/2012 fl-istess ismijiet.

ftehmu [tacitament] fuq l-ammont ridott" din il-konsiderazzjoni m'hijex sostnuta mill-provi. Tghid li kif jirrizulta mill-provi hi qatt ma rrinunzjat ghad-dritt taghha li tircievi manteniment ghaliha kif ordnat bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2008. Ma kien hemm ebda ftehim fir-rigward, la tacitu u wisq anqas espress. Il-konvenuta tissenjala li l-ewwel Qorti stess fid-digriet moghti minnha fl-4 ta' Gunju 2012, li permezz tieghu irriduciet il-manteniment ghat-tifel, ikkjarifikat li "*il-Qorti ma tistax thassar alimenti gia` dovuti u ghalhekk fir-rigward tal-arretrati tichad it-talba.*"[9]

30. Min-naha tieghu l-attur jirribatti hekk:

> "Sar enfazi fuq arretrati ta' manteniment tal-mara. ………. Illi verament kien hemm digriet li jaghti manteniment ghal mara. Illi seduta minnhom, il-Qorti kelmet *viva voce* lill-partijiet u wasslithom ghal arrangement accettat minn kullhadd dwar il-hlas tal-manteniment. Illi bi svista ta' dina l-parti u anke tal-Qorti rna' sarx verbal li emenda dik il-parti li kienet titratta l-hlas tal-mara. Illi x'ghamlet il-mara? Halliet snin jghaddu minghajr ma' lissnet kelma dwar xi manteniment allegatament dovut lilha u imbaghad qabdet u ghamlet mandat ta' sekwestru fuq il-paga tal-esponenti fuq xi haga li kullhadd kien skarta ghaliex minghalih li l-partijiet kienu waslu ghal ftehim. Dan l-episodju l-Ewwel Qorti ghexietu tant li fis-sentenza taghha rna' hamlitx li l-mara taghmel gwadan b'mod qarrieqi fuq xi haga hekk ta' misthija."

31. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "MANTENIMENT

[9] Vol.1 – Fol.389

"Illi dwar il-manteniment il-Qorti kellha okkazjoni tippronunzja numru ta' digrieti. Inizjalment permezz ta' digriet tal-14 ta' Dicembru 2007 kien gie ordnat manteniment ta' Lm50 ghall-konvenuta u Lm 120 gnall-minuri. Wara diversi rikorsi u digrieti il-Qorti rriduciet l-alimenti pagabbli lill-konvenuta ghal hamsa u ghoxrin Ewro (€25) peress li matul il-kawza bdiet tahdem, u mija tnejn u tmenin Ewro (€182) ghall-minuri - dawn jithallsu kull erbgha gimghar. Peress li dan l-ahhar digriet huwa pjuttost ricenti ma hemmx lok ghal tibdil fil-fehma tal-Qorti fir-rigward tal-minuri; billi pero' il-konvenuta tahdem u taq;a' aktar minn hames mitt ewro (€500) fix-xahar ma hemmx lok ghall-manteniment ghaliha [ghax] kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal- Appell, fl-ismijiet Catherine Mifsud vs Louis Mifsud" deciza fil-25 ta' Ottubru- 2013: *"Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodict Civili jghid li l-mantement ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu). "*

"Illi f'dan ir-rigward ukoll kien hemm nuqqas ta' ftehim matul ilkawza u l-konvenuta ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru gnall-allegati arretrati; dan jidher li kien mahrug korrettement rigidament fis-sens legali, ixzda mhux tant mill-punto di vista morali jew etiku ghaliex jidher li l-partijiet kienu ftehmu [tacitament] fuq l-ammont ridott. Il-Qorti sser tordna li dan l-ammont jigi maqsum bejn il-partijiet ghaliex naturalment l-ammont gie depozitat il-Qorti u dan ghar-raguni imsemmija."

32. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li huwa principju kardinali f'materja ta' prova li *quod non est in actio non est in mundo,* u l-allegazzjoni li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, fis-sens li l-manteniment dovut lill-attrici permezz tad-digriet tad-9 ta' Jannar 2008 gie tacitament imwarrab jew ridott, mhix sostnuta mill-provi akkwiziti. Huwa minnu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tghid li *"jidher li l-partijiet kienu ftiehmu [tacitament] fuq l-ammont ridott",* izda din il-konsiderazzjoni hija vaga wisq u ma ssostnix it-tezi tal-attur li l-manteniment tal-konvenuta ma kellux jibqa' jithallas.

33. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti qatghet din il-vertenza, ghax dak li kellu jigi determinat huwa l-ezistena o meno ta' ftehim da parti tal-partijiet fir-rigward; ghax jew jirrizulta li l-partijiet ftehmu, jew ma jirrizultax li ftehmu: favur tal-ewwel hemm il-fatt li l-konvenuta ma ghamlitx tentattivi sabiex dan il-manteniment jigi effettivament imhallas lilha, izda t-tieni ipotezi tinsab fortifikata bil-kjarifika li ghamlet l-ewwel Qorti fid-digriet taghha tas-6 ta' Frar 2012 fejn qalet *" dwar il-konvenuta .. id-digriet precedenti tad-9 ta' Jannar 2008 baqa' fis-sehh."*[10] Inoltre, il-fatt li l-konvenuta talbet u ottjeniet mandat ta' sekwestru kawtelatorju fir-rigward, jimmilita kontra t-tezi li l-partijiet kienu lahqu ftehim, espress jew tacitu, fis-sens li l-manteniment tal-konvenuta ma kienx dovut.

34. Barra minnhekk il-konvenuta fir-risposta ghar-rikors prezentat mill-attur fl-14 ta' Frar 2012 tghid: *"hija m'ghandha ebda oggezzjoni li l-manteniment favur taghha ai termini tad-digriet tad-9 ta' Jannar 2008 jigi revokat, b'effett mid-data tal-eventwali Digriet* ***[u mhux retroattivament[11]]"*** basta li jigi awmentat il-manteniment ghal minuri. Dan certament ma jikkostitwix rinunzja tad-dritt taghha li tippercepixxi l-manteniment arretrat, u jimmilita ferm kontra t-tezi tal-attur.

---

[10] Vol.1 – Fol.331
[11] Enfasi tal-konvenuta

35. Inoltre huwa inverosimili li jinghad li, wara li l-konvenuta kienet kostretta li titlaq mid-dar tal-genituri tal-attur proprju minhabba d-digriet tad-9 ta’ Jannar 2008, hija eventwalment irrinunzjat ghad-dritt akkwistat minnha bl-istess digriet.

36. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li fid-dawl tar-rizultanzi processwali dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh, b’mod li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta l-bilanc ta’ manteniment arretrat dovut lilha fl-ammont ta’ €497.94 u tigi revokata dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-flus depozitati fil-Qorti jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

*It-tielet aggravju*

Komunjoni tal-Akkwisti u krediti ohra

37. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata tghid hekk:

“**PROPRJETA’**

“**Beni immobbli**:

"Illi l-partijiet huma proprjetarji ta' żewġ fondi u ċjoe' wieħed maisonette, 'Javier' Triq Ta' Xmiexi, Msida u appartament Blokk A, Bellagio, Triq San Ġużepp, Gwardamangia, u li dwarhom qablu li jiswew rispettivament mija tnejn u tmenin elf erba' mija u disgħa u tletin Ewro (€182,439) u mija tnejn u għoxrin elf ħames mija tmienja u tmenin Ewro (€122,588) (fol 321). Fuq dan tal-aħħar hemm dejn mal-bank ta' ċirka sitta u għoxrin elf ewro (€26,000). Għalhekk hemm żewġ problemi fil-qasma; il-proprjetajiet m'għandhomx l-istess valur, u l-fatt li hemm dejn kif imsemmi.

"Illi għandu jingħad li fil-bidu taż-żwieġ il-konvenuta kienet ġiet donata art Ħal Għaxaq mingħand ommha u li fuqha kienet inbniet l-ewwel dar matrimonjali tagħhom. Il-bini sa l-istadju ta' *shell* jidher li sar prinċipalment minn missier il-konvenuta iżda l-kumplament mill-attur; iżda l-ispejjeż inqasmu bejn il-partijiet – l-attur jgħid pero' li huwa ħareġ aktar flus u għamel xi xogħol huwa ukoll, u eventwalment din inbiegħet fl-2005 għal sebgħa u tmenin elf lira Maltin (Lm 87,000).

"Illi f'dan l-isfond diffiċli wieħed jasal għall-konklużjonijiet preċiżi dwar krediti parafernali; il-Qorti taqbel illi x'aktarx jekk wieħed jiżen xi kreditu l-konvenuta għandha iżda ċertament mhux tal-portata li semmiet il-perit legali illi rrakkomandat li l-konvenuta titħallas somma konsiderevoli u li l-attur jiġi assenat il-fond ta' Gwardamangia bid-dejn b'kollox. Il-Qorti anzi, jidhrilha li jekk l-attur jiġi assenjat dak il-fond, il-kreditu tal-konvenuta – li fuq kollox se tiġi assenjata l-fond l-ieħor li jiswa ħafna aktar – għandu jiġi paċut mal-parti tad-dejn li se jiġi assenjat lill-attur (billi d-dejn huwa tal-komunjoni u allura nofs ta' kull wieħed mill-partijiet). Dan qed isir anke biex ma jkunx hemm problemi fil-futur fir-rigward tal-ħlas lura tad-dejn lill-bank, għaliex ikun naturali li l-parti li ma jibqalix interess fil-ħlas lura mhux se tkun wisq akkanita biex tagħmel dan.

"Illi l-krediti avvanżati mill-partijiet huma spjegati fil-paġna 939 *et sequitur* tal-process; l-attur għas-somma ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt Ewro (€53,500) konsistenti f'ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) – somma li tawh il-ġenituri meta żżewweġ, u tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) spejjeż li għamel fuq il-proprjeta ta' Ħal Għaxaq, li kif ingħad kienet parafernali ta' martu. Il-konvenuta rrikonixxiet li l-attur ħareġ il-flus u għamel ix-xogħol tal-katusi u għadda d-dawl u l-ilma a spejjeż tiegħu għall-ammont imsemmi. Kwindi l-Qorti se tħalli l-kreditu tal-attur fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt Ewro (€53,500) kif imsemmi.

"Illi l-konvenuta da parti tagħha *oltre* l-art ġja' msemmija, hija ntitolata għal nofs il-kirjiet mill-fond ta' Gwardamangia li ġew detenuti mill-attur (ammontanti għal ċirka tlett elef tliet mija u sittin Ewro (€3,360); naturalment għal kull buon fini wkoll qed jiġi dikjarat illi hija proprjetarja esklussiva ta' biċċa art li wirtet mingħand nannitha f'Ħal Għaxaq (fol 123). Billi d-dar li nbniet f'Ħal Għaxaq kienet ġabet ċirka mitejn u elfejn Ewro (€202,000) fil-bwiet tal-partijiet u li allura huma wżaw biex xtraw il-proprjetajiet tagħhom, il-konvenuta hija ntitolata għal ammont sostanzjali minnhom, pero' l-Qorti se titnaqqas minnhom is-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) spejjeż li għamel l-attur kif imsemmi.

"Illi għalhekk, il-Perit Legali waslet għall-konklużjoni li l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' tmienja u għoxrin elf u ħmistax-il Ewro (€28,015); pero' żiedet disa' mija u ħamsin Ewro (€950) għall-karozza u li din il-Qorti mhux se żżid għaliex il-konvenuta qed tiġi assenjata wkoll vettura oħra. Għalkemm il-Perit Legali korrettement inkludiet nofs il-*loan* mal-Bank fil-komputazzjoni tagħha tal-parti assenjata lill-konvenuta, ma jidhirx pero' li nkludiet fil-konteġġi tagħha s-somma ta' ħdax-il elf sitt mija sebgħa u erbgħin Ewro (€11,647) li l-attur ħa miegħu fiż-żwieġ; allura l-ammont għandu jkun ta' sittax-il elf tliet mija tmienja u sittin Ewro (€16,368).

"**Beni mobbli:**

"Illi l-Qorti taqbel li l-partijiet għandhom iżommu l-vetturi li jużaw, u ċjoe' l-attur iżomm l-iSkoda Fabia filwaqt li l-konvenuta żżomm it-Toyota. Għalkemm m'għandhomx eżatt l-istess valur, *piu o meno* m'hemmx diverġenzi kbar.

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji u poloz ta' assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom."

*Il-Kera tal-Appartament 8 Blokk A Triq San Guzepp, Gwardamangia*

38. Jirrizulta pacifiku li, wara li nbigh il-fond ta’ Hal Ghaxaq, il-partijiet xtraw il-fond fuq indikat fi Gwardamangia. Dan il-fond kien beda jinkera ghas-somma ta’ €350 fix-xahar li minnhom l-attur kien ihallas il-bank loan li mill-provi jirrizulta li kienet tithallas b’rati mensili ta’ mhux aktar minn €147.80, kif ukoll il-premium mensili ta’ €39.60 tal-Life Policy. Dan ihalli bilanc fix-xahar favur il-komunjoni tal-akkwist ta’ €162.60[12].

39. Fir-rigward il-konvenuta issostni li hu dovut lilha bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti nofs dak il-bilanc li jammonta ghal €81.30[13] ghaz-zmien kollu li l-attur dam jippercepixxi l-kera. Il-konvenuta tghid ukoll li ghall-komputazzjoni tal-ammont dovut lilha ghandu jittiehed il-perjodu dekorribbli mill-1 ta’ Dicembru 2007[14] sad-data tas-sentenza appellata fl-24 ta’ Ottubru 2014, u anke oltre, stante li skont il-konvenuta l-attur baqa’ u ghadu jippercepixxi din il-kera.

40. Min-naha tieghu l-attur fir-risposta tieghu ma jsemmi xejn fir-rigward u jghid biss li “ir-ragel ghad ghandu jhallas id-dejn li ghadu pendenti fuq il-fond [ta’ Gwardamangia]”, izda skont verbal maghmul fl-udjenza tal-10 ta’

---

[12] €350 - €147.80 – €39.60
[13] €162.60 ÷ 2
[14] Il-proceduri odjerni gew inizjati fit-23 ta’ Novembru 2007

Novembru 2011 il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu li dan il-fond huwa mikri lil terzi bil-kera mensili ta’ €350 u li l-hlasijiet qed jigu percepiti mill-attur[15].

41. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta dak li qed tallega l-konvenuta, u cioe` li l-kera mensili mill-imsemmi fond kien izommha l-attur wara li minnha kien ihallas kull xahar il-pagamenti tas-self bankarju kif ukoll il-premia mensili tal-Life Policy. Ghalhekk l-attur ghandu jaghti lill-konvenuta s-somma ta’ €7,318[16] rapprezentanti sehem il-konvenuta mill-bilanc tal-kera ghaz-zmien li jestendi mill-1 ta’ Dicembru 2007 sal-1 ta’ Gunju 2015 [7 snin u nofs].

*Benefikati maghmula mill-konvenuta fil-maisonette “Javier”*

42. Il-konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni tal-ispejjez maghmula minnha fl-imsemmi fond wara s-separazzjoni *de facto*, kif jirrizultaw provati mir-ricevuti prezentati minnha.[17] Tghid li dawn il-benefikati li l-ispejjez taghhom jammontaw globalment ghal €19,871.67 gew inkorsi wara Dicembru 2006 u tlestew kompletament fl-24 ta’ Novembru 2011 meta l-partijiet kienu qablu li din il-proprjeta` kellha tinghata valur ta’ €182,439.

---

[15] Vol.1 – Fol.319
[16] €81.30 x 12[xhur] x 7[snin] + [€81.30 x 6 xhur = €489]
[17] Dok.NR1 sa NR23

B'hekk il-valur konkordat ta' din il-proprjeta` gie komputat mill-partijiet wara li kienu saru fih l-benefikati maghmula mill-konvenuta.

43. Ghalhekk il-konvenuta ssostni li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48[c] tal-Kodici Civili fil-konfront tal-attur din l-ispiza ta' €19,871.67 ghandha tigi akkreditata kollha lilha peress li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ghal nofs dan l-ammont mill-assi tal-komunjoni.

44. Min-naha tieghu l-attur fir-risposta tieghu ma jsemmi xejn fir-rigward.

45. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumenti markati NR1 sa NR23[18] prezentati mill-konvenuta li fuqhom din qed tibbaza l-pretensjoni taghha ghall-hlas minghand l-attur tas-somma ta' €19,871.67, u tosserva li fil-maggjor parti taghhom dawn id-dokumenti li jidhru li huma fotokopji ta' invoices u ricevuti, m'ghandhomx valur probatorju tenut kont li jew huma bla data, jew id-data ma tidhirx kollha, jew jidhru li huma spejjez ta' oggetti mobbli, filwaqt li ohrajn jirrisalu ghal qabel 1 ta' Dicembru 2007.

46. Fil-fehma tal-Qorti d-dokumenti li jikkwalifikaw bhala prova sodisfacenti ta' pagamenti li saru mill-konvenuta fl-10 ta' Marzu 2010 huma dawk relatati

[18] Vol.1 – Fol.215 *et seq.*

mal kcina fil-fond "Javier" u li juru l-ammonti ta' €290[19] u €1,000 mhallsa mill-konvenuta lis-socjeta` Hal Mann. Ghaldaqstant din il-pretensjoni tal-attrici tregi sas-somma ta' €1,290.

*Assenjazzjoni lill-partijiet tal-maisonette "Javier" fl-Imsida u l-appartament 8 fi Gwardamangia*

47. Il-konvenuta tilmenta mill-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tal-krediti parafernali taz-zewg partijiet, u ssostni li hi ghanda globalment tigi assenjata valur ta' €251,675.86 filwaqt li l-attur ghandu jigi assenjat il-kreditu parafernali tieghu ta' €45,034, u dan kif jirrizulta mit-tlett prospetti annessi mar-rikors tal-appell.

48. Skont l-ewwel prospett prezentat mill-konvenuta, il-valur komplessiv tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, nieqes il-krediti parafernali tal-partijiet jammonta ghal €296,709.90.

49. Il-konvenuta kompliet tispjega hekk dan l-aggravju:

> "L-Ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet dawn il-krediti parafernali u ddikjarathom krediti fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti, u rnhux kreditu ta' parti wahda fil-konfront tal-parti l-ohra. Imbaghad, l-istess Onorabbli Qorti: -

[19] Vol.1 Foll.236 u 237

“Iddecidiet illi l-appellanti hija intitolata ghal "ammont sostanzjali" mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta gewwa Hal Ghaxaq illi kienet tifforma l-proprjeta` parafernali taghha; u

“Rat il-konkluzjoni tal-Perit Legali Dottor Ilona Debono illi l-appellat ghandu jhallas lill-appellanti l-ammont ta' €28,015.00 wara li ssir id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Izda mbaghad, is-Sentenza appellata regghet naqqset ammont ulterjuri ta' €11,647.00 (rapprezentanti d-donazzjoni ta' Lm 5,000.00 illi kienet saret lill-appellat mill-genituri tieghu) u kkonkludiet illi l-ekwiparazzjoni illi ghandha tithallas mill-appellat favur l- appellanti ghandha tigi ridotta ghal €16,368.00.

“L-appellanti tissottometti bl-akbar rispett illi r-ragjonament applikat mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ghal kollox zbaljat. Fl-ewwel lok, id-dritt tal-parti illi jkollha kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti huwa illi din tigi rimborsata interament ai termini tal-Artikolu 1331(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux b'“*ammont sostanzjali"* mill-istess. Wara kollox, l-Ewwel Onorabbli Qorti akkordat lill-appellat il-kreditu parafernali tieghu in toto u mhux biss f'ammont sostanzjali, u m'hemm l-ebda raguni ghaliex ghall-kreditu parafernali tal-appellanti ghandu japplika xi ragonament differenti, bazat fuq xi kalkoli approssimattivi kif tidher illi ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.”

50. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, fir-rigward tas-somma, ta’ €53,590 rapprezentanti kreditu parafernali tal-attur konsistenti fl-ammonti ta’ €11,650 u €41,1940 flus mahruga mill-attur qabel iz-zwieg biex jithallsu parti mill-ispejjez tax-xoghlijiet maghmula fil-fond ta’ Hal Ghaxaq, dawn l-ispejjez ma sarux ghall-beneficcju tal-komunjoni, izda saru biex tigi ammeljorata l-proprjeta` parafernali tal-attrici, ghalhekk l-ammont ta’ €53,590 huwa dovut mill-attrici u mhux mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk ghandu jigi dedott mis-sehem tal-attrici mill-assi tal-komunjoni. Mill-banda l-ohra l-kreditu parafernali tal-konvenuta fl-ammont ta’ €202,710 rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-fond

ta' Hal Ghaxaq huwa kreditu kontra l-komunjoni stante li dan ir-rikavat kien gie investit kollu biex giet awmentata b'zewg fondi l-komunjoni tal-akkwisti.

51. Din il-Qorti tosserva li li l-ezercizzju li ghandu jsir f'dan il-kaz huwa s-segwenti:

<u>Attiv</u>

| | |
|---|---|
| *Maisonette* “Javier” bil-garage sottostanti, go Triq ix-Xmiexi, Msida | €182,439.00 |
| Appartament 8 Blokk A Triq San Guzepp, G' Mangia - | €122,588.00 |
| Polza tal-Assikurazzjoni [Surrender Value] - | € 5,730.00 |
| Vettura HBC 676 assikurata ghas-somma ta' | € 7,700.00 |
| Kontijiet Bankarji fl-ammont komplessiv ta' | € 6,268.72 |
| Total: | <u>€324,725.72</u> |

<u>Passiv</u>

| | |
|---|---|
| Dejn fuq il-fond ta' Gwardamangia - | € 26,077.00[20] |
| Il-flus li l-attur ta lill-konvenuta - | € 1,700.00 |
| Kreditu parafernali tal-konvenuta mill-bejgh tal-fond Hal Ghaxaq | €202,710.00 |
| Total: | €230,487.00 |
| Bilanc attiv tal-komunjoni | **€ 94,238.72** |

**Valur tal-Porzjonijiet tal-Partijiet**

52. Ghaldaqstant is-sehem ta' kull parti mill-assi tal-komunjoni tammonta ghal nofs il-bilanc ta' €94,238.72, u cioe` **€47,119.34**. Minn dan is-sehem tal-konvenuta ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €53,590 li ghandu jinghata lill-attur in sodisfazzjon tal-kreditu parafernali tieghu fil-konfront tal-konvenuta, flimkien mal-ammont ta' €1,700 kreditu tal-attur fuq il-vettura li xtrat il-konvenuta wara s-separazzjoni de facto, b'kollox ghalhekk il-valur tal-porzjon tal-attur jammonta ghal **€102,409.34**.

Min-naha l-ohra s-sehem tal-konvenuta ta' €47,119.34 ghandu jizdied bl-ammont ta' €202,710 in kreditu parafernali taghha naxxenti mill-bejgh tad-dar ta' Hal Ghaxaq, bl-ammonti ta' €491.94[21], €7,318[22] u €1,290[23] li flimkien

[20] Ara xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta moghtija fis-17 ta' Marzu 2010
[21] Bilanc ta' manteniment arretrat ghaliha

jammontaw ghal €9,099.94 li wara li jitnaqqas minn dan is-sehem l-ammont fuq indikat ta' €53,590, iwassal ghall-ammont globali ta' **€205,339**.

53. Mela l-valur tal-porzjonijiet rispettivi tal-partijiet huma **€102,409.34** dak tal-attur u **€205,339** dak tal-konvenuta.

Valur tal-Porzjoni tal-Attur

| | |
|---|---|
| € 47,119.34 + | Sehemu mill-komunjoni |
| €53,590.00 | Kreditu tieghu parafernali |
| € 1,700.00 | Kreditu tieghu fuq il-vettura tal-konvenuta |
| **€102,409.34** | |

Valur tal-Porzjon tal-Konvenuta

| | |
|---|---|
| € 47,119.34.00 + | Sehemha mill-komunjoni |
| € 9,099.94 | Kreditu taghha kontra l-attur |
| € 202,710.00.00 | Kreditu parafernali taghha |
| € 258,929.28 - | |

[22] Bilanc mill-kirjiet tal-appartament fi Gwardamangia
[23] Spejjes fil-fond Javier

<u>€ 53,590.00</u> Kreditu parafernali tal-attur

**<u>€ 205,339.28</u>**

**L-Assenjazzjoni**

54. Din il-Qorti tikkonsidra li fic-cirkostanzi tal-kaz l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni u tal-pagament tal-krediti rispettivi tal-partijiet ghandu jsir bil-mod segwenti.

Lill-attur qed jigi assenjat l-appartament ta' Gwardamangia, fimkien mal-vettura HBC li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' <u>€130,288</u>. Il-konvenuta tigi assenjata l-maisonette 'Javier' u l-kontenut tal-kontijiet bankarji kollha, inkluz dawk f'isem l-attur, fl-ammont komplessiv ta' €6,268.72, li b'kollox jammontaw ghas-somma globali ta' <u>€188,707.72</u>. Mela bl-affarijiet li qed jinghataw lill-attur dan ser ikollu jaghti s-somma ta' €27,878.66, filwaqt li l-konvenuta jibqaghlha tiehu €7,531 flimkien mal-kreditu taghha ta' €9,099.94, u cioe` €16,630.94. Ghalhekk rizultat ta' din l-assenjazzjoni l-attur ghad fadallu jaghti lill-konvenuta s-somma ta' **<u>€53,601.60</u>** u dan kif spjegat fis-segwenti kwadru:

<u>Attur</u>

€122,588.00 + [l-appartament fi Gwardamangia]

€ 7,700.00 [il-vettura HBC]

€130,288.00 –

€102,409.34 [il-valur tal-porzjon tieghu]

€ 27,878.66 + [bilanc dovut lill-attrici]

€ 9,099.94 [Debitu tieghu favur il-konvenuta]

**€ 36,978.60 Ekwiparazzjoni dovut mill-attur lill-konvenuta**

Il-Konvenuta

€182,439.00 + [il-maisonette 'Javier']

€ 6,268.00 [depoziti bankarji]

€188,707.00

€205,339.00 - [il-valur tal-porzjon taghha]

**€ 16,632.00 Ekwiparazzjoni dovuta mill-attur lill-konvenuta**

€36,978.60 +

€16,623.00

**€53,601.60** Ammont globali dovut mill-attur lill-konvenuta

55. Inoltre tordna li s-somma dovuta wara li timmatura l-polza ta' assikurazzjoni tigi maqsuma ugwalment bejn il-partijiet. Fil-kaz li parti tkun hallset premia aktar mill-parti l-ohra ghandu jkunu hemm aggustament fil-qsim tas-somma biex jirrifletti din ic-cirkostanza. Ukoll, rigward id-dejn li talvolta ghad fadal fuq il-proprjeta` ta' Gwardamangia dan ghandu jithallas kollu mill-attur.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat fil-limiti tal-konsiderazzjoniet premessi.

*Ir-raba' aggravju*

56. Dan jrrigwardja r-retta alimentari fl-ammont ta' €182 li l-ewwel Qorti ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta kull erba' gimghat ghat-tifel minuri. Tilmenta li dan l-ammont huwa mizerjament baxx tenut kont li llum il-minuri ghandu 10 snin u jirrisjedi ordinarjament mal-konvenuta.

57. Inoltre, ma jissodisfax il-vot tal-Artikolu 3B[2] tal-Kodici Civili li jixhet fuq iz-zewg genituri l-obbligu li jipprovdu manteniment ghal uliedhom kull wiehed skont il-mezzi taghhom. Tissenjala li mill-provi jirrizulta li, filwaqt li hi ma ddahhalx aktar minn €500 fix-xahar, l-attur idahhal aktar minn €2,000 fix-xahar. In bazi ta' dan, il-konvenuta tippretendi li l-manteniment dovut lilha ghat-tifel minuri ghandu jizdied ghal €350, u li dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur u jintbaghat lill-konvenuta fir-residenza taghha.

58. Barra minn hekk, l-ewwel Qorti ma pprovdietx kif ser jigu spartiti l-ispejjez relattivi ghas-sahha tal-minuri, l-edukazzjoni tieghu u l-attivitajiet extra-kurrikulari. Il-konvenuta tippretendi li dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet in kwantu ghal-80% ikunu a kariku tal-attur, filwaqt li r-rimanenti 20% ikunu a kariku tal-konvenuta. Inoltre, ghandu jigi ordnat awment annwali fil-*quantum* tal-manteniment, li jirrifletti l-gholi tal-hajja.

59. In fine, issostni li l-obbligu tal-hlas tal-manteniment ghall-minuri ghandu jkompli anke wara li l-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena sa kemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena, kemm il-darba tavvera ruhha c-cirkostanza kontemplata fl-Artikolu 3B[2][a] tal-Kodici Civili.

60. Din il-Qorti tosserva li l-konvenuta ghandha ragun fir-rigward fis-sens li r-rata alimentari mensili ta' €182 akkordata lilha ghat-tifel hija baxxa tenut kont tal-introjtu rispettivi tal-partijiet. Mill-banda l-ohra pero` ma jistax jigi injorat il-fatt li kif jirrizulta mill-provi dan it-tifel iqatta' hafna hin ghand in-nanniet paterni tieghu.

61. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza, il-Qorti tordna li l-manteniment li l-attur ghandu jhallas ghat-tifel minuri jkun ta' €350 kull erba' gimghat, liema manteniment jinkludi spejjez ordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, filwaqt li dawk ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet ugwalment kontra d-debita fattura jew ricevuta. L-ispejjez straordinarji <u>jinkludu</u> dawk relatati mad-dentistrija u mal-oftalmologija. L-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tal-minuri anke l-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

Dan il-manteniment joghla kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat mill-indici ufficjali mahrug mill-gvern u ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur u jigi mibghut lill-konvenuta fir-residenza taghha. L-obbligu tal-attur li jhallas dan il-manteniment jispicca hekk kif it-tifel jaghlaq tmintax-il sena jew jibda jahdem f'impieg regolari, skont liema jigi l-ewwel; izda fil-kaz li t-tifel ikompli bl-edukazzjoni terzjarja *full time* u jkun ghadu jghix mal-konvenuta l-obbligu tal-

manteniment jibqa' fis-sehh kif irid l-Artikolu 3B[2][a] tal-Kodici Civili sakemm it-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin sena.

62. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

*Il-hames aggravju*

63. Dan jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza. Il-konvenuta ssostni li, tenut kont li ghas-separazzjoni personali jahti biss l-attur, l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dawk tal-kuntratt relattiv ghandhom jigu akkollati kollha lilu.

64. Tenut kont li ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet jahti biss l-attur, dan l-aggravju huwa gustifikat u l-ispejjez kollha, taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati minnu.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-konvenuta kif ser jinghad:

Tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet liz-zewg partijiet hatja tas-separazzjoni u fejn ordnat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48[1] fil-konfront tal-konvenuta, u, minflok tiddikjara li ghas-separazzjoni bejn il-partijiet jahti biss l-attur;

Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn illikwidat u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiiet, u minflok, tordna li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni inkluzi l-krediti dovuti lill-partijiet isiru kif fuq stabbilit u ordnat fit-tielet aggravju fis-sezzjoni intestata “**Komunjoni tal-Akkwisti u Krediti ohra**”; tordna wkoll li l-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ tlieta u hamsin elf, sitt mija u euro, u sittin centezmu [**€53,601.60]** rapprezentanti ammont dovut lilha kif indikat fl-istess sezzjoni; tordna wkoll li s-somma dovuta wara li timmatura l-polza ta’ assikurazzjoni tigi maqsuma ugwalment bejn il-partijiet, izda fil-kaz li parti tkun hallset premia aktar mill-parti l-ohra ghandu jkun hemm aggustament fil-qsim tas-somma biex jirrifletti din ic-cirkostanza;

Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata relatata mal-hlas ta’ manteniment mill-attur lill-konvenuta ghat-tifel taghhom, u minflok, tordna li l-manteniment li l-attur ghandu jhallas ghat-tifel minuri jkun ta’ tliet mija u hamsin euro [€350] kull erba’ gimghat, liema manteniment jinkludi spejjez ordinarji relatati mas-

sahha tal-minuri, filwaqt li dawk ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet ugwalment kontra d-debita fattura jew ricevuta. L-ispejjez straordinarji ghandhom jinkludu dawk relatati mad-dentistrija u mal-oftalmologija. L-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tal-minuri u dawk extra-kurrikulari jinqasmu wkoll ugwalment bejn il-partijiet;

Dan il-manteniment joghla kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat mill-indici ufficjali mahrug mill-gvern u ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur u jigi mibghut lill-konvenuta fir-residenza taghha. L-obbligu tal-attur li jhallas dan il-manteniment jispicca hekk kif it-tifel jaghlaq tmintax-il sena jew jibda jahdem f'impieg regolari, skont liema javvera ruhu l-ewwel; izda fil-kaz li t-tifel ikompli bl-edukazzjoni terzjarja *full time* u jkun ghadu jghix mal-konvenuta l-obbligu tal-manteniment jibqa' fis-sehh kif irid l-Artikolu 3B[2][a] tal-Kodici Civili sakemm it-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin sena;

Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ispejjez gew akkollati liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, u minflok, tordna li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi, kif ukoll tal-kuntratt nutarili relattiv ikunu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------